# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' KLASSI** **MALTI** **ĦIN : Sagħtejn**

**Isem :** ________________________ **Klassi :** __________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultat aħjar.

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA:**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

_____________________________________________

_____________________________________________

_____________________________________________

_____________________________________________

_____________________________________________

_____________________________________________

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

Aqra s-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:



# SENS TA' APPARTENENZA

Hemm għadd imdaqqas ta' studji li jiffokaw fuq il-festa Maltija minn lenti antropoloġika. Xi antropoloġi jinteressahom iħarsu lejn il-festa bħala riflessjoni ta' kultura sħiħa. Jaraw fiha, ngħidu aħna, attivita` li ma tħallix qligħ imma li hija neċessarja għal bosta nies, forsi għaliex tagħtihom sens ta' appartenenza. *(par.1)*

Il-festa tipprovdi wkoll sens ta' appartenenza lil dawk li ma jidentifikawx ruħhom magħha. Ejjew insejħulha appartenenza fin-negattiv. Jekk jien ma nappartjenix għall-festi kif jiġu ċċelebrati f'Malta, mela allura jien inkun qiegħed nibni l-identita` tiegħi bħala xi ħadd li ma jridx ikollu x'jaqsam mal-festa. *(par.2)*

F'festa hemm sehem il-kappillan jew l-arċipriet, sehem il-kumitat tal-festi esterni, sehem il-każini u sehem l-għaqda tan-nar. Eżami ta' raħal żgħir li jgħodd, ngħidu aħna, sitt elef ruħ, malajr jagħtik persentaġġ imdaqqas ta' nies f'dan ir-raħal tipiku li għandhom sehem attiv f'xi wieħed jew aktar minn dawn in-nukleji. Ikkunsidra, imbagħad, in-nies li jiġu minn dawk li jieħdu sehem attiv u għandek madwar nofs ir-raħal jew aktar involut. *(par.3)*

Għandek festa għal dawk li jridu jagħmlu karriera fil-politika jew fil-kunsilli – issieħeb f'każin, sir president, u għandek appoġġ ta' ġgajta mdaqqsa li jassoċjawk mad-divertiment tagħhom, mal-mumenti rilassati meta jkunu jixorbu l-birra u jnaqqru l-karawett. *(par.4)*

Dawk li jappartjenu għall-festa f'sens negattiv huma fenomenu li ma ġie qatt eżaminat xjentifikament. Nissuspetta li aspett ewlieni jkun li dawn in-nies jinkludu fl-identita` tagħhom ix-xewqa li ma jkunux membri tat-tribu`. *(par.5)*

Il-Knisja Kattolika għad għandha preżenza ewlenija f'pajjiżna u għadha n-nukleju ta' bosta attivitajiet kulturali li jseħħu fih. Il-Knisja għadha tipprovdi ritwal li jissodisfa l-bżonnijiet, spiritwali u mhumiex, ta' bosta Maltin u Għawdxin. Għal xi wħud din hi barka u għal oħrajn hija arma. *(par.6)*

Aħna annimal li jrid jappartjeni. Għal bosta nies il-festa hija għadu tas-solitudni u għalhekk ta' min jiċċelebraha, anki jekk mill-bogħod. Il-festa żżommok b'saħħtek mentalment. *(par.7)*

Addattament minn kitba ta' P. Buhagiar li dehret f'*kultura 21*, ta' Ottubru/Diċembru 2004

| A. FEHIM IT-TEST | (10 marki) |
|---|---|

1. Għaliex il-festa hi bżonnjuża għal xi wħud? *(par.1)*

_______________________________________________________________(marka)

2. Spjega fi kliemek *sens ta' appartenenza*. *(par.1)*

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________(2 marki)

3. Xi jkun qed jagħmel min ma jidentifikax ruħu mal-festi hawn Malta? *(par.2)*

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________(marka)

4. Min jista' jiggwadanja bil-festa? *(par.4)*

_______________________________________________________________(marka)

5. X'għadu qatt ma ġie mistħarreġ? *(par.5)*

_______________________________________________________________(marka)

6. X'sehem għad għandha f'pajjiżna l-Knisja Kattolika? *(par.6)*

_______________________________________________________________(marka)

7. Taħseb li l-awtur tas-silta hu konvint mill-fatt li l-festa hi ta' min jgħixha? Xi jġagħlek taħseb dan? *(par.7)*

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________(3 marki)

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | (20 marka) |
|---|---|

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Sib mis-silta kif mitlub/a: (7 marki)

   i. verb irregolari minn *par.1* : __________

   ii. prepożizzjoni bis-suffiss pronominali minn *par.1* : __________

   iii. partiċella magħquda ma' l-artiklu minn *par.2* : __________

iv. prepożizzjoni mqassra minn *par.2* : __________

v. parteċipju passiv minn *par.3* : __________

vi. verb fis-sitt forma minn *par.4* : __________

vii. avverbju tan-negazzjoni minn *par.5* : __________

2. Wieġeb kif mitlub/a: (2 marki)

i. il-konsonanti ta' l-għerq ta' *sir (par. 4)* : _______________

ii. *jgħodd (par. 3)* hu verb (a) trux _____, (b) dgħajjef _____, (ċ) moħfi _____.

## LESSIKU / VOKABULARJU

3. Agħti kelma bl-istess tifsira flok: (3 marki)

i. għadd *(par.1)* : __________

ii. ġgajta *(par.4)* : __________

iii. eżaminat *(par.5)* : __________

4. Sib il-kelma mis-silta li tfisser: (3 marki)

i. bżonnjuża *(par.1)* : __________

ii. għajnuna *(par.4)* : __________

iii. primarja *(par.6)* : __________

## ANALIŻI TESTWALI

5. "Nissuspetta li aspett ewlieni jkun ….." . *(par.5).* Aspett ewlieni ta' xiex?

________________________________________________________________(2 marki)

6. Liema kelma mis-sentenza li ġejja tgħidlek li ser tingħata raġuni għal xi ħaġa?

"Il-festa hija għadu tas-solitudni u għalhekk ta' min jiċċelebraha …."

________________________________________________________________ (marka)

## SINTASSI

7. Ikteb din is-sentenza b'mod ieħor mingħajr ma tbiddel it-tifsira tagħha:

*Dawk li jappartjenu għall-festa f'sens negattiv huma fenomenu li qatt ma ġie eżaminat xjentifikament.*

Xjentifikament ________________________________________________

________________________________________________(2 marki)

| Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI | (4 marki) |
|---|---|

1. Fisser l-idjoma miktuba korsiv:

   Il-president tal-banda minn dejjem kien *saqajh fl-art*.

   ________________________________________________

2. Kompli l-qawl mit-taqsima **Għerf Prattiku** li joqgħod għal din is-sentenza:

   *L-arċipriet ma damx ma tgħallem li m'hux dejjem faċli jirnexxilek tilħaq l-iskopijiet tiegħek.*

   L-ajru ________________________________________________

| D. MALTI KOMUNIKATTIV | (8 marki) |
|---|---|

Agħżel **waħda** minn **a** u **b**. Ikteb madwar **80** kelma:

a. Il-kappillan ta' Ħal Muxi talbek tikteb **rapport** dwar is-sehem li kellkom intom iż-żgħażagħ fil-festa ta' din is-sena. Dan ir-rapport ser jidher fil-fuljett parrokkjali.

***Jew***

b. Il-kumitat tal-banda ta' Ħal Muxi tħajjar iniedi konkors għall-kitba ta' poeżiji dwar il-festa ta' din is-sena. Int, bħala s-segretarju/a ta' l-istess banda, ġejt mitlub/a tħejji r-**regolamenti**.

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

## E. TIFTIX / TRAWWIM KULTURALI (8 marki)

Ikteb dwar xi aspetti tal-proġett **L-Oqsma ta' l-Għerf tal-Kultura Maltija** li għamilt tiftix dwarhom din is-sena:

## F. LETTERATURA (30 marka)

### (i) L-ISQAQ / ANESTESIJA (10 marki)

Agħżel **waħda** minn **a** u **b**. Ikteb madwar **50** kelma.

a. Il-ħajja fl-isqaq kienet taħlita ta' sabiħ u ikrah. Semmi xi eżempji mir-rumanz.

***Jew***

b. Semmi żewġ inċidenti jew sitwazzjonijiet minn **Anestesija** biex turi li dan hu dramm simboliku.

**(ii) QAWSALLA : REFERENZA GĦALL-KUNTEST**

Aqra sewwa din il-poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

## ĦITAN TAS-SEJJIEĦ

Sar il-miraklu tal-konkrit. Iħokku
għoddhom mas-sħab id-djar ta' ġo l-ibliet;
qsari fit-twieqi, dagħwa kontra s-seħer
ta' linji dritti jiġru paralleli.

Kaxxa ħdejn kaxxa, saret kaxxa kbira
irqiqa u twila mnażżgħa mill-frugħat
ta' xogħ'l maħdum bl-iskarpellin waqt ħolma
ta' frott u ward u anġli żgħar jittajru.

Sar il-miraklu tal-konkrit. Kemm saħħa
jaħbu l-ħitan misluta ħelu ħelu,
u s-soqfa biċċa waħda bla xejn travi,
bi xbieki tal-ħadid, jifilħu d-dinja!

U tidħak, tidħak, tara qed tintaġar
il-ġebla bajda-krema ser tinqasam
biex issir djar botnin bla sens ta' figer
- qirda tas-saħħa mbierka tal-bennejja.

Sar il-miraklu tal-konkrit. Il-ġebla
titħalla biss biex tifred ftit għelieqi
b'ħitan imbewqa tas-sejjieħ li jagħżlu
pulzier minn ieħor ta' ħamrija għajjiena.

Minkejja dan, it-Trejqa tal-Mistrieħ
bejn żewġ ħitan titkennen tas-sejjieħ.

Marjanu Vella

1. Mill-poeżija sib:

a*. enjambment* minn strofa 3: ______________________________

______________________________ (marka)

b. *personifikazzjoni* minn strofa 5: ______________________ (marka)

2. Ikkummenta dwar il-metrika (strofi; versi; ritmu) u r-rima ta' din il-poeżija. (3 marki)

______________________________

______________________________

______________________________

3. X'karatteristiċi għandha l-poeżija li jorbtuha mat-tema **Il-Protesta**? (5 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(iii) QAWSALLA : KOMPONIMENT LETTERARJU** **(10 marki)**

Agħżel **waħda** minn **a** u **b**. Ikteb madwar **150** kelma fuq karta separata:

a. Il-poplu Malti hu mimli preġudizzji u intolleranza. Iħobb ukoll jerfa' salib ħaddieħor. Uri kemm dan hu minnu billi tirreferi għal xi siltiet mit-taqsima **Il-Protesta**.

***Jew***

b. Ir-relazzjoni fil-familja taf tkun ġentili u ħelwa kif ukoll imqallba u qarsa. Ikkummenta billi tirreferi għal xi siltiet mit-taqsima **Ir-Rispett fil-Familja**.

**Ġ. KOMPONIMENT** **(20 marka)**

Agħżel wieħed u ikteb madwar **350** kelma fuq karta separata:

1. Il-festa tal-belt jew raħal tiegħek.
2. Kemm nieħu gost nagħti daqqa t'id fid-dar!
3. Ma kienx ġelat !
4. Toroq.
5. Il-festa tal-qaddis/a, xalar u tbaħrid?
6. Id-daqq tal-qniepen. Ħsibijiet.